

Talbiet tar-rikorreni

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-22 ta' Jannar 2008, innotifikata fl-24 ta' Jannar 2008, u tiddikjara ammissibbli l-oppożizzjoni ppreżentata fid-29 ta' Awwissu 2006;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż li jistgħu jiġu rku-prati inklużi l-ispejjeż tal-proċedura prinċipali u dawk ta' l-intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ondex S.A.S.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark "ONDACELL" għal prodotti u servizzi fil-klassi 6, 7 u 19 (applikazzjoni Nru 4 755 971).

Propjetarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: ir-rikorreni

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: l-avviż ta' oppożizzjoni għandu jitqies li ma sarx.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: ħadha tar-rikors.

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 ⁽¹⁾, tad-deċiżjoni Nru EX-96-1 ⁽²⁾ u tal-komunikazzjoni Nru 5/96 ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU L 303, p. 33).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-President ta' l-UASI, tal-11 ta' Jannar 1996, Nru EX-96-1, dwar il-metodi ta' ftuħ tal-kontijiet kurrenti ma' l-Uffiċċju (ĠU UASI 1996, 48).

⁽³⁾ Komunikazzjoni tal-President ta' l-UASI, tat-8 ta' Awwissu 1996, Nru 5/96, dwar il-kontijiet kurrenti (ĠU UASI 1996, 1460).

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2008 — Gres La Sagra vs L-UASI — Ceramicalcora (VENATTO MARBLE STONE)

(Kawża T-130/08)

(2008/C 116/53)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorreni: Gres La Sagra, SL (Alamedada de la Sagra, Spanja) (rappreżentanti: T. Villate Consonni, avukat, u J. Calderón Chavero, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI: Ceramicalcora, SA (Alcora, Spanja)

Talbiet tar-rikorreni

- Tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Jannar 2008 fil-każ R-1609/2006-4;
- B'konsegwenza ta' dan l-annullament, tagħti l-applikazzjoni għat-trade mark 3109006, mhux biss għas-servizzi fil-klassi 39 (diġà mogħtija meta ġiet miċħuda l-oppożizzjoni B690695 fir-rigward ta' dawk is-servizzi, li issa saret res *judicata*), iżda wkoll għall-bqija tal-prodotti u servizzi koperti mill-applikazzjoni fil-klassijiet 19, 21 u 40, u
- tikkundanna lill-UASI, u lill-partijiet l-oħra quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jekk ikunu kkontestati, u tiċħad it-talbiet ta' l-UASI u l-partijiet l-oħra quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għal trade mark Komunitarja: Gres La Sagra, SL.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva "VENATTO (irħam)" (applikazzjoni Nru 3 109 066) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 19, 21, 39 u 40.

Propjetarju tat-trade mark jew sinjal iċċitat fil-proċeduri ta' oppożizzjoni: CERAMICALCORA, SA.

Trade mark jew sinjal iċċitat fl-oppożizzjoni: Trade mark Spanjola għas-sinjali "VENETO (céramicas)" (Nru 2 115 543; 2 056 688; 2 056 689 u 2 056 699) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 27, 19, 21 u 39 rispettivament.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa parzjalment, l-id-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni iddeċidiet li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni fit-territorju rilevanti għall-oġġett u s-servizzi in kwistjoni fil-klassijiet 19, 21 u 40, iżda li ma kienx hemm tali probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward ta' dawk is-servizzi in kwistjoni fil-klassi 39.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ħadha ta' l-appell.

Motivi invokati: Applikazzjoni żbaljata ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Marzu 2008 — ASTER vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-409/05) ⁽¹⁾

(2008/C 116/54)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 22, 28.1.2006.